

Id-9 ta' Mejju Jum l-Ewropa

Id-9 ta' Mejju hu Jum l-Ewropa. F'din il-ġurnata titfakkar id-Dikjarazzjoni ta' Schuman – inizjattiva importanti li saret mill-Ministru tal-Affarijiet Barranin Franċiż, Robert Schuman 60 sena ilu fid-9 ta' Mejju tal-1950.

Minbarra Schuman, kien hemm persunaġġi oħra importanti li llum jitqiesu bħala l-arkitetti tal-Unjoni Ewropea, fosthom Konrad Adenauer (Ġermanja), Winston Churchill (Renju Unit), Alcide de Gasperi (l-Italja), Walter Hallstein (Ġermanja), Jean Monnet (Franza), Paul Henri Spaak (il-Belġju) u Altiero Spinelli (l-Italja).

Din id-dikjarazzjoni wasslet għall-bidu tal-Unjoni Ewropea kif nafuha llum. Għall-ewwel darba fl-istorja tal-Ewropa, grupp ta' pajjiżi ngħaqdu flimkien. Dan biex, fost oħrajn:

- iwaqqfu lill-Ewropa mit-tifrik tal-gwerer,
- l-ekonomiji tagħhom jirpiljaw,
- bit-twaqqif ta' Komunità Ewropea, b'istituzzjonijiet u regoli komuni f'setturi partikolari, jibbenefikaw minn vantaġġi li jkunu tfasslu mill-pajjiżi msieħba.

L-għaqda li bdiet 60 sena ilu bejn sitt pajjiżi, illum saret Unjoni ta' 27 pajjiż membru. Hemm ukoll numru ta' pajjiżi oħra li jridu jissieħbu fl-UE.

L-UE hija organizzazzjoni unika fid-dinja għaliex filwaqt li kull pajjiż baqa' jżomm l-indipendenza u l-identità tiegħu, f'diversi oqsma dawn il-grupp ta' pajjiżi qed jaqsmu flimkien is-sovranità tagħhom permezz ta' liġijiet komuni li jitfasslu minn istituzzjonijiet komuni bħall-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri. Dawn l-oqsma jinkludu:

- l-unjoni doganali,
- politika komuni tal-agrikoltura u s-sajd,
- regoli tal-kompetizzjoni meħtieġa għall-funzjonament tas-suq intern,
- il-moviment ħieles tal-persuni, servizzi u kapital,
- il-politika monetarja għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro;
- il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar fil-qafas tal-politika komuni tas-sajd;
- il-politika kummerċjali komuni.

Matul dawn is-60 sena, żdied ukoll is-sehem taċ-ċittadin fil-mod kif taħdem l-UE. Bħalissa, per eżempju, qed jitfasslu r-regoli biex jidħol fis-seħħ id-dritt li tal-anqas miljun ċittadin tal-Unjoni, ġejjin minn numru sinifikanti mill-Istati Membri, jieħdu l-inizjattiva li jitolbu lill-Kummissjoni Ewropea, fil-qafas tal-kompetenzi tal-UE, sabiex tippreżenta kull proposta xierqa dwar il-kwistjonijiet fejn iċ-ċittadini jikkunsidraw li jkun meħtieġ att legali tal-Unjoni.

F'Malta, bħall-bqija tal-Istati Membri, qed isiru attivitajiet apposta biex jiġi mfakkar Jum l-Ewropa. Dawn qed jiġu organizzati mill-MEUSAC, mir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta kif ukoll mill-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew f'Malta.

Malta-EU Steering & Action Committee

indirizz: 280 Triq ir-Repubblika, Valletta tel: 2200 3300 email: info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt